# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DEĊIŻJONI NRU 1762

Każ Nru2416/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Gaetano Tanti

u

Qawra Palace Hotel

dwar tkeċċija mill-impieg allegata li inġusta

Data: 7 ta' Marzu 2007

**Chairman: Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-każ ġie intavolat permess ta' rikors ta' l-Avukatessa Deborah Delceppo nhar is-6 ta' Ottubru 2006 f'isem is-sur Gaetano Tanti fejn ġie allegat illi huwa ġie liċenzjat inġustament minn mal-lukanda Qawra Palace. Il-Lukanda Appellata tinnega dan. L-Avukat Jose' Herrera irrappreżenta lill-Appellant waqt li l-Avukat Anglu Farrugia irrapppreżenta lill-Lukanda Appellata. Inżammu ħames seduti.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 it-Tribunal ma kienx f'posizzjoni li jisma u jaqta l-każ fiż-żmien preskritt mill-liġi minħabba diversi differimenti li ntalbu kif ukoll minħabba nuqqas infrastrutturali li jrid iħabbat wiċċu magħhom l-istess Tribunal.

## 2. Fatti tal-Każ

Nhar is-7 ta' Settembru 2006 l-Appellant irċieva telefonata minn għand il-*General Manager* tal-Lukanda Appellata fejn ġie infurmat li l-impieg tiegħu ġie terminat immedjatament. Dana wara li kellu xi kwistjoni dwar tħawwil ta' pjanti li hu jgħid ma setgħux isiru kif kien ordnat. Minn dakinhar 'l hawn ma rrappurtax għax-xogħol u iktar tard huwa kien irċieva ittra minn għand il-*Managing Director* li biha kien infurmat illi

kien ġie liċenzjat għax il-kariga tiegħu ġiet abolita. Huwa ngħata n-*notice* kif ukoll dak li kien dovut skond il-liġi.

## 3. Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal kien affaċċjat bi tliet raġunijiet għal liċenzjament ta' l-Appellant. Kienu tliet raġunijiet differenti jekk mhux ukoll konfliġġenti. Fit-*termination form* kien imniżżel li għalaq il-kuntratt, fl-ittra tas-17 ta' Ottubru 2006 il-prinċipal informa lill-Appellant li l-kariga li kien jokkupa ġiet abolita u l-Appellant jgħid li t-terminazzjoni tal-impieg tiegħu saret għal raġuni allegatament dixxiplinarja. It-Tribunal jiskarta immedjatament dak li hemm fit-*termination form* għaliex dan huwa manifestament inveritier u ġie ammess b'mod ċar waqt is-smiegħ illi ma kienx minnu. It-Tribunal baqa skantat b'dan għaliex timla formula, voldieri tagħmel dikjarazzjoni lill-enti Governattiva meta taf li hija falza hija ħaġa serjissima.

Jibqa iż-żewġ teżijiet l-oħra. L-Appellant ġie liċenzjat għal raġuni ta' *redundancy*, jew għal raġuni ta' dixxiplina? Irid jingħad li dan it-Tribunal jagħti piż kbir lir-*redundancy*. Jiġi ċertu żmien fil-ħajja ta' organizzazzjoni meta tkun kostretta għal raġuni ta' ristrutturar, *business re-engineering*, jew sempliċement għal raġuni ta' ekonomija meta l-organizzazzjoni jkun jeħtiġilha tnaqqas in-numru ta' impjegati tagħha. Dana dejjem aċċettah dan it-Tribunal dejjem s'intendi meta l-bżonn ikun ġenwin, l-eżerċizzju jsir sewwa u skond il-liġi. Hemm bilanċ delikat bejn il-bżonn ta' organizzazzjoni li tipproteġġi l-investiment tagħha u d-dritt ta' ħaddiem li ma jkollux il-kuntratt tax-xogħol tiegħu terminat unilateralment. Irid ikun it-Tribunal biex jiżen il-fatti, jeżamina ċ-ċirkostanzi, jevalwa l-kredibilità biex imbagħad jagħti l-ġudizzju ekwu u meqjus tiegħu b'imparzjalità u trasparenza.

Biex jagħmel il-ġudizzju tiegħu t-Tribunal fil-każ in eżami ta importanza lill-kronoloġija tal-fatti. Mela fis-**7 ta' Settembru 2006** ġara nċident li matulu l-Appellant allegatament ma obdiex ordni tas-superjur tiegħu, għaliex ma kienx teknikament possibbli li jobdi din l-ordni peress li skond hu ma kinitx tagħmel sens. Jidher li għal xi l-4 ta' filgħaxija huwa ġie sommarjament liċenzjat permezz ta' telefonata. Fil-**11 ta' Settembru 2006** tintbagħat it-*termination form* lill-ETC (kopja annessa ma l-i*statement of case* ta' l-Appellant). It-**12 ta' Settembru 2006** Sun Island Nurseries jagħmlu kwotazzjoni (ara kuntratt anness ma' l-i*statement of case* tal-Lukanda Appellata). Il-**15 ta' Settembru 2006** jiġi ffirmat l-imsemmi kuntratt bejn is-soċjetà msemmija u l-Lukanda Appellata. Is-**17 ta' Ottubru 2006** tintbagħat ittra ta' liċenzjament lill-Appellant għal raġuni li "il-kariga ta' ġardinar ġiet abolita" (kopja annessa ma l-i*statement of case* tal-Lukanda Appellata).

Minn din il-kronoloġija joħroġ ċar li r-raġuni ta' *redundancy* kif ukoll ir-rimpjazzament ta' l-Appellant saru **wara** li kien ġa tkeċċa. Jekk it-Tribunal kellu l-iċken dubju dan neħħih meta eżamina bir-reqqa x'qalu iż-żewġ xhieda prinċipali tal-Lukanda Appellata. Is-sur Edward Vella, il-*Managing Director*, fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2006, b'risposta għal mistoqsija tal-Avukat Anglu Farrugia li staqsih ir-raġuni tat-tkeċċija, qal (fol.25) " Għax hu għażżien, biex jagħmel biċċa xogħol jagħmel hekk, tal-*maintenance* ma rieduhx, tal-*housekeeping* ma rieduhx, ħadd ma riedu jaħdem miegħu għax ħadd ma

riedu jaħdem miegħu." Dan huwa sostnut ukoll mix-xhieda tas-sur Tony Alamango, *General Manager*, li fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2006 wara li ġie mistoqsi mill-Avukat Jose' Herrera jekk kienx ċempel lill-Appellant u keċċih għax ma obdiex ordnijiet irrisponda ".....kelli *instructions* li nċempillu u ninfurmah illi peress li ma segwiex l-ordnijiet li ingħatawlu biex ma jirrappurtax għax xogħol minn għada" (fol 38). Minn dan jirriżulta b'mod l-iktar ċar illi r-raġuni ta' *redundancy* mhix sostenibbli. Barra minn dak elenkat iktar 'il fuq anke l-istess mod kif ingħata l-liċenzjament juri biċ-ċar li ma kienx għal-raġuni ta' *redundancy*. Possibbli kellhom jgħaddu 40 ġurnata bejn it-tkeċċija u l-ittra ta' liċenzjament ?

Fit-Tribunal, kif intqal iktar 'il fuq, saru allegazzjonijiet, iżda ma nġiebux provi, dwar komportament ħażin ta' l-Appellant waqt il-ħajja lavorattiva tiegħu. It-Tribunal mhux fi ħsiebu jidħol fil-mertu ta' dan peress illi l-Lukanda Appellata strieħet biss fuq ir-*redundancy* bħala r-raġuni unika għal liċenzjament tiegħu. Għaldastant it-Tribunal ma jħossx li għandu jidħol fil-mertu ta' xi allegati nuqqasijiet da parti ta' l-Appellant.

## 4. Deċiżjoni

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-liċenzjament ta' l-Appellant Gaetano Tanti minn mal-Lukanda Appellata Qawra Palace kienet għal raġuni li mhix ġusta u suffiċjenti.

## 5. Danni

It-Tribunal mhux qed jordna r-riimpieg ta' l-Appellant. Wara li ra l-Artikolu 81 (2)(a) tal-Kap 452 it-Tribunal jillikwida d-danni pagabbli lil Gaetano Tanti mill-Qawra Palace Hotel fl-ammont ta' LM4000. Dawn iridu jitħallsu in kwantu għal LM1000 immedjatament. Ir-rimanenti LM3000 għandhom jitħallsu LM500 kull xahar bl-ewwel pagament isir fl-aħħar ta' Marzu 2008. Jekk tinqabeż għal kwalsiasi raġuni anke skadenza waħda r-rimanenti bilanċ isir awtomatikament pagabbli minnufih.

B'hekk jintemm dan il-każ

## 6. Drittijiet

Għall-iskop ta' l-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' LM40 kull wieħed.

Franco Masini
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja